DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 68/2012

tat-30 ta' Marzu 2012

li temenda l-Anness XIX (Protezzjoni tal-Konsumatur) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikulari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIX ta' mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 35/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 ([1]).

(2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/304/UE tat-12 ta' Mejju 2010 dwar l-użu ta' metodoloġija armonizzata għall-ikklassifikar u l-irrappurtar tal-ilmenti u d-domandi tal-konsumaturi ([2]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2011/136/UE tal-1 ta' Marzu 2011 dwar il-linji gwida għall-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta fis-Sistema ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPCS) ([3]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dawn il-punti li ġejjin jiġu mdaħħla wara l-punt 20 (ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2001/193/KE) tal-Anness XIX ta' mal-Ftehim:

"21. **32010 H 0304**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/304/UE tat-12 ta' Mejju 2010 dwar l-użu ta' metodoloġija armonizzata għall-ikklassifikar u l-irrappurtar tal-ilmenti u d-domandi tal-konsumaturi (ĠU L 136, 2.6.2010, p. 1).

22. **32011 H 0136**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2011/136/UE tal-1 ta' Marzu 2011 dwar il-linji gwida għall-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta fis-Sistema ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPCS) (ĠU L 57, 2.3.2011, p. 44).".

Artikolu 2

It-testi tar-Rakkomandazzjonijiet 2010/304/UE u 2011/136/UE bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Marzu 2012, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

([1]) ĠU L 143, 10.6.2010, p. 30.
([2]) ĠU L 136, 2.6.2010, p. 1.
([3]) ĠU L 57, 2.3.2011, p. 44.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.